MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 733/2008

**L-Avukat Peter Fenech (I.D. Nru: 67468M), Joseph Gauci (I.D. Nru: 263552M) u Alex Manfre (I.D. Nru: 579743M) fil-kwalita` taghhom ta’ Vici-President, Segretarju u Tezorier rispettivament ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Football Association**

**vs**

**Manweli Cassar (I.D. Nru: 749558M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Ottubru 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt mitt Euro (€600) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt Euro (€600), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kif mitluba u dawk ta' dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------